# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Numru: 253/2017**

Il-Pulizija

(Spettur Josric Mifsud)

vs

**Shawn Fenech**

Iben Carmel, imwieled Pieta' fit-3 ta' Frar, 1989, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 71089(M)

Illum it-3 ta' Mejju 2019,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Shawn Fenech akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) talli nhar l-4 ta' Dicembru tas-sena 2016 ghall-habta tal-22.58Hrs fi Triq Ghajn Dwieli fil-limiti ta' Bormla kif ukoll fl-istess data fil-hinijiet ta' qabel f'dawn il-gzejjer:

1. Gieghel, halla jew ippermetta lil Tarquin Vella jsuq vettura ta' ghamla Toyota b' numru ta' registrazzjoni BAG287 meta dan ma kellux licenzja tas-sewqan valida mahruga mill-Awtorita Regolatorja u dan bi ksur tal-Artikolu 15 (1) (b) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Kif ukoll gieghel, halla jew ippermeta lill-imsemmi Tarquin Vella jsuq l-imsemmija vettura minghajr ma kien kopert b'polza ta' sigurta' dwar ir-riskji ghat-terzi persuni u dan bi ksur tal-Artikolu 3 (1) tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet gentilment mitluba wkoll sabiex f'kaz ta' htija tiskwalifika lill-hati milli jkollu jew milli jikseb licenzja tas-sewqan ghal zmien mhux inqas minn tmint ijiem u dan skont it-termini tal-Artikolu 15 (4) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta:

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-15 ta' Mejju, 2017 fejn il-Qorti wara li rat l-Artikolu 3(1) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta, ddikjarat lill-imputat Shawn Fenech hati tat-tieni imputazzjoni biss u lliberatu bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sitt xhur mid-data tas-sentenza u skwalifikatu milli jkollu kwalunkwe licenzja tas-sewqan ghal zmien tnax-il xahar minn nofsillejl u minuta tal-ghada tas-sentenza, filwaqt ma sabitux hati tal-ewwel imputazzjoni u minnha illiberatu.

Rat ir-rikors tal-appellant Shawn Fenech minnu pprezentat fl-24 ta' Mejju, 2017 fejn talbet lil din il-Qorti joghgobha tirriforma din is-sentenza billi:

1. Filwaqt li tikkonferma dik il-part tas-sentenza fejn sabet lill-appellant mhux hati tal-ewwel imputazzjoni u lliberatu minnha;

2. Thassar u tirrevoka l-parti tas-sentenza fejn sabet lill-appellant hati tat-tieni imputazzjoni u minflok tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni, htija u piena;

3. F'kull kaz u sussidjarjament, thassar u tirrevoka l-parti tas-sentenza koncernanti l-piena inflitta fil-konfront tal-appellant u minnflok tinfliggi piena aktar idonea skont ic-cirkostanzi ta' dan il-kaz;

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe':-

1. Illi fil-proceduri quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti, il-prosekuzzjoni harrket lil Tarquin Vella sabiex jixhed, li pero' stante li huwa kien qieghed jistenna li jaffacja akkuzi in konnessjoni mal-istess grajja, ghazel li ma jixhidx.

2. Illi barra minn hekk, il-prosekuzzjoni pprezentat Affidavit ta' Transport Malta u cioe' tas-Sur Stephen Cachia li kkonferma li l-vettura b'numru ta' registrazzjoni BAG287 tal-marka Toyota Tercel kienet

rregistrata fuq isem l-appellant Shaun Fenech, li dakinhar tal-incident, il-licenzja tal-vettura kienet imhallsa u kif ukoll kien hemm assikurazzjoni mahruga minn Gasanmamo Insurance li tkopri l-perjodu bejn it-22 ta' Dicembru 2015 u t-28 ta' Frar 2017.

3. Illi min-naha tieghu l-appellant talab l-isfilz tal-parti tal-Affidavit tas-Surgent 1122 Arthur Rizzo u dan stante li mill-istess Affidavit ma kienx jirrizulta li l-appellant gie mghoti d-drittijiet tieghu skont il-Kostituzzjoni Maltija u skont il-Konvenzjoni Ewropea ghad-drittijiet tal-bniedem qabel ma gie nterrogat mill-Pulizija.

4. Illi l-Onorabbli Qorti laqghet it-talba tal-appellant u sfilzat silta mir-raba' paragrafu tal-istess Affidavit, u cioe' mill-kliem "jien kellimtu", sal-kliem "ghax fdah".

5. Illi finalment, l-appellant ipprevala mid-dritt tieghu li ma jixhidx.

6. Illi fis-sottomissjonijiet finali, l-appellant umilment ikkontesta li l-Qorti ma kellha ebda prova quddiema li l-appellant b'xi mod ta l-kunsens tieghu lil Tarquin Vella li huwa jsuq tali vettura. Dan stante li l-parti tal-Affidavit koncernanti l-verzjoni moghtija mill-appellant kienet sfilzata mill-process. Konsewgentment, l-appellant issottometta li l-unika rabta li setgha kien hemm bejnu u bejn Tarquin Vella, kienet l-Affidavit mghotija mis-Surgent 1122 fejn ikkwota dak li kien qallu Tarquin Vella. Pero, l-appellant zied jissottometti li stante li Tarquin Vella ma tax ix-xhieda tieghu, l-istess affidavit kien jikkonsisti biss f'detto del detto li ma giex ikkonfermat bix-xhieda tal-istess Taqruin Vella u ghalhekk mhux ammissibbli fil-kamp penali.

7. Illi sussegwentment l-appellant umilment jissottometti li l-Onorabbli Qorti ma kellha ebda prova li l-appellant b'xi mod ippermetta lil Tarquin Vella jsuq il-vettura tieghu, ghalhekk umilment jissottometti li bil-provi li kellha quddiemha, l-ewwel Onorabbli Qorti ma setghet qatt issibu hati tat-tieni akkuza hekk kif migjuba fil-konfront tieghu. Dan huwa wkoll ikkonfermat mill-fatt li l-istess Qorti lliberatu mill-ewwel imputazzjoni, li effettivament kienet tirrikjedi ezatt l-istess prova rikjesta sabiex tinstab htija fit-tieni imputazzjoni.

8. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-appellant umilment jissottometti wkoll li l-piena inflitta fil-konfront tieghu, ossia fejn issospendietlu l-licenzja tas-sewqan ghal zmien tnax-il xahar kienet wahda ezagerata ghall-ahhar.

9. Illi l-appellant umilment jaghmel referenza ghall-akkuzi hekk kif dedotti fil-konfront tieghu u cioe' fejn intalbet l-iskwalifika tal-licenzja tas-sewqan tieghu ai termini tal-Artikolu 15 (4) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta. L-appellant umilment jissottometti li l-Artikolu indikat fl-imputazzjoni mhux l-artikolu li jikkoncerna l-iskwalifika tal-licenzja. Fil-fatt, l-Artikolu relevanti huwa l-Artikolu 15 (3) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk l-ewwel Onorabbli Qorti ma setghet qatt timponi skwalifika tal-licenzja tas-sewqan taht Artikolu tal-ligi inkorrett.

10. Illi barra minn hekk, l-Artikolu 15 (3) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta jisthoq li *"Fil-każ ta' kull reat ieħor taħt is-subartikolu (1) il-qorti, fuq talba tal-prosekuzzjoni, b'żieda għall-piena skont dak is-subartikolu, għandha tiskwalifika lill-ħati milli jkollu jew milli jikseb liċenza tas-sewqan għal żmien ta' mhux anqas minn tmint ijiem"*.

11. Illi minn ezami tad-dicitura ta' dan l-artikolu tal-ligi jirrizulta b'mod inkonfutabbli li l-applikazzjoni tieghu hija bbazata fuq il-htija tal-imputat taht l-Artikolu 15 (1) tal- Kap. 65. Fil-kaz odjern, l-appellant gie lliberat mill-imputazzjoni taht l-Artikolu 15 (1) tal-Kap 65 u ghalhekk hawnhekk ukoll, l-ewwel Onorabbli Qorti ma setghet qatt tapplika l-istess sospensjoni tal-licenzja.

12. Illi minghajr pregudizzju ghal dak gia dikjarat in konnessjoni mas-sospensjoni tal-licenzja, l-appellant umilment jissottometti li huwa jinnecessita l-licenzja tas-sewqan stante li huwa jahdem bhala self employed u ma jistax jkompli x-xoghol tieghu minghajr tali licenzja. Konsegwentement, umilment jaghmel referenza ghall-Artikolu 30 (2) tal-Kodici Krminali fejn fuq talba tal-persuna li tkun instabet hatja, l-Onorabbli Qorti tista' tnehhi s-sospensjoni jew l-iskwalifika minn dik id-data li joghgobha tiffissa

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi minn ezami tal-atti probatorji ghandu johrog illi fil-jum indikat fl-akkuza PS1122 Arthur Rizzo[1] li kien qiegħed jassisti f'*road block* fi Triq Għajn Dwieli fil-limiti ta' Bormla għall-ħabta tal-22:58hrs waqqaf vettura tal-għamla Toyota bin-numru ta' reġistrazzjoni BAG287 li kienet misjuqa minn Tarquin Vella (405690M). Irriżulta illi meta s-sewwieq in kwistjoni intalab il-liċenzja tas-sewqan hu stqarr li ma kellux fuqu u allavolja mitlub jipprovdieha fi żmien 48 siegħa, hu baqa inadempjenti. In oltre minn stħarriġ ulterjuri li sar minn dan l-uffiċjal tal-pulizija, rriżulta li l-vettura in kwistjoni kienet reġistrata fuq Shawn Fenech, l-appellant, u kienet koperta b'polza ta' assikurazzjoni maħruġa mis-socjeta Gasan Mamo li tkopri l-perijodu bejn it-22 ta' Dicembru 2015 u t-28 ta' Frar 2017, ċioe il-perijodu mertu tal-akkuża in kwistjoni, u kellha wkoll liċenzja ghat-triq valida.[2] L-appellant ma jixhidx u lanqas iressaq provi.

Ikkunsidrat:

Illi l-aggravju tal-appellant jikkonċerna limitatament s-sejbien ta' ħtija ghat-tieni akkuża miġjuba kontriħ billi hu ġie lliberat mill-ewwel akkuża.

Issa l-artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta li jitratta r-reat li l-appellant gie misjub hati tieghu jiddisponi illi:

> **(1) Bla ħsara tad-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, ħadd ma jista' juża jew iġiegħel jew iħalli lil persuna oħra tuża vettura bil-mutur fit-toroq kemm-il darba, għall-użu tal-vettura minnu jew minn dik il-persuna l-oħra, skont il-**

---

[1] Ara affidavit a folio 3 u datata s-6 ta' Jannar 2017.

[2] Folio 9 tal-atti proċesswali. Affidavit datat l-4 ta' Mejju 2017.

**każ, ma tkunx isseħħ polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni, skont id-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza.**

**(1A) Ikun preżunt li ma kienx hemm polza tal-assigurazzjoni fis-seħħ skont is-subartikolu (1), kemm-il darba min jiġi akkużat b'reat taħt is-subartikolu (1) ma jġibx prova kuntrarja billi juri ċertifikat tal-assigurazzjoni maħruġ taħt l-artikolu 4(4).**

**(1B) Tista' tingħata eċċezzjoni valida, fil-prosekuzzjoni ta' reat taħt is-subartikolu (1), mill-akkużat jekk iġib prova li r-reat ikun sar mingħajr ma huwa kien jaf bih u li jkun eżerċita kull diliġenza dovuta biex ma jħallix li r-reat isir.**

Huwa evidenti minn qari ta' din id-disposizzjoni tal-ligi illi l-legislatur qieghed fuq l-ispalla tal-persuna akkuzata l-htiega li huwa jezonera ruhu mir-responsabbilta' kriminali meta allura ghandu igib prova illi l-vettura hija koperta b'polza tal-assikurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni. Mhux biss izda l-persuna akkuzata trid ukoll tipprova li r-reat ikun sar mingħajr ma kien jaf biħ **u**[3] li jkun eżerċita kull diliġenza dovuta biex ma jħallix li r-reat isir.

Illi kif stqarret il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kompetenza taghha kostituzzjonali fir-rigward tal-piz tal-prova inkombenti fuq l-akkuzat:

**Il-htiega ta` assikurazzjoni ghar-riskju ta` terzi persuni hija rizultat ta` fatt li sewwieq ta` vettura tal-mutur ghandu f`idejh oggett li varji drabi hu deskritt bhala "arma" b`possibilita` ta` periklu ghall-utenti l-ohra tat-triq; kwindi, tali assikurazzjoni hija mehtiega fl-interess pubbliku[4].**

Issa bix-xiehda ta' Stephen Cachia, rapprezentant ta' Transport Malta jirrizulta illi fil-fatt kien hemm polza ta' assikurazzjoni valida mahruga fuq il-vettura li kienet tkopri il-jum indikat fl-akkuza. Dak izda li kien jenhtieglu jipprova l-appellant kien illi din il-polza kienet taghmel tajjeb ghar-riskji ta' terzi persuni ghalkemm kienet qed tigi

---

[3] Sottolinear tal-Qorti.

[4] Alfred Grech vs Avukat Generali deciza 27/04/2007

misjuqa minn persuna li ma kellhiex licenzja tas-sewqan valida. Illi l-izvilupp gurisprudenzjali fir-rigward tar-reat in dizamina gie tajjeb traccjat minn din il-Qorti kif diversament ippresjeduta meta intqal hekk:

> **"Issa, traccjat l-insenjament tal-Qrati tul iz-zmienijiet, jidher illi sas-sena 2005, l-Qrati taghna dejjem fehemu dak li fis-semplicita' tieghu jipprovdi l-artikolu 3 tal-Kap 104, igifieri li hadd ma jista' jsuq vettura bil-mutur jekk ma jkunx debitament assikurat biex jaghmel dan. Dik is-sentenza izda tippernja fuq id-doveri tal-kumpaniji tal-assikurazzjoni u bid-dovut rigward, l-obbligi u l-kundizzjonijiet li l-kumpaniji tal-assikurazzjoni jassumu mal-Awtoritajiet kompriz ir-Regolatur, sabiex tinhargilhom u jzommu fis-sehh il-licenzji taghhom bhala assikurazzjoni kompriz l-obbligi taghhom li jiehu sehem f'pool bhala insurers concerned, ma jistghax jitqies li jezonera lil kull sewwieq mill-obbligi tieghu taht il-Kapitolu 104. Tant hu hekk illi, ghad li s-sentenza fl-ismijiet Scuderi kien font ta' referenza ghal diversi kawzi anke jekk mhix dejjem segwita, l-Qorti tal-Appell kellha ripensament u fis-sentenza taghha Il-Pulizija vs Andre Apap tal-4 ta' Frar, 2011 rriteniet illi ma taqbilx mad-distinzjonijiet li saru minn din il-Qorti diversament preseduta fis-sentenzi taghha Il-Pulizija vs Angelo Scuderi (3.11.2005), Il-Pulizija vs Stefan Apap (26.4.2007) u Il-Pulizija vs Charles Galea (7.5.2007) u ohrajn "dwar meta tiskatta l-prezunzjoni prevista fis-subartikolu 3(1A) tal-Kap 104. Is-subartikolu 3(1A) tal-Kap 104 huwa car u inekwivoku fil-portata tieghu..[5]".**

Tghid hekk is-sentenza Il-Pulizija vs Andre' Apap li ghaliha taghmel referenza l-Qorti fid-decizjoni su-iccitata:

> **"Is-subartikolu 3(1A) tal-Kap 104 hu ċar u inekwivoku fil-portata tiegħu: il-preżunzjoni in kwistjoni tiskatta kull meta "...min jiġi akkużat b'reat taħt is-subartikolu (1) ma jġibx prova kuntrarja billi juri certifikat tal-assigurazzjoni maħruġ taħt l-artikolu 4(4)" tal-Kap. 104. Din id-dispozizzjoni ma tħalli lok għall-ebda interpretazzjoni. Qatt ma kien hemm xi htiega li jsir xi sforz biex id-dispozizzjoni tal-artikolu 3(1A) tal-Kap 104 tiġi rikonċiljata permezz ta' proċess ta' interpretazzjoni mad-dispozizzjoni tal-artikolu 10(1) tal-istess Kap għaliex iz-żewġ dispożizzjonijet jirregolaw sitwazzjonijiet diversi. L-artikolu 3(1A) tal-Kap 104 jirregola x'jiġri fi proċeduri kriminali għal reat taħt l-artikolu 3(1) tal-Kap 104 mentri l-artikolu 10(1) tal-istess Kap jirregola ir-riżarċiment mill-assikurazzjoni għal xi responsabbilta' għal dejn ċivili li**

---

[5] Il-Pulizija vs Joseph Gatt deciza 18/01/2016

**għandha tkun koperta minn polza ta' assikurazzjoni. B'dak kollu li hemm fl-artikolu 10(1) tal-Kap 104 il-pożizzjoni li hemm fl-artikolu 3(1A) tal-istess Kap tibqa' mhux mittiefsa u ċioe' li fi proċeduri kriminali għal reat taħt l-artikolu 3(1) tal-Kap 104 kemm-il darba l-akkużat ma jgibx prova kuntrarja billi juri ċertifikat tal-assigurazzjoni maħruġ taħt l-artikolu 4(4) jiġi preżunt li ma kienx hemm polza tal-assigurazzjoni'**

Illi konsegwentement tenut kont tad-diċitura tal-liġi applikabbli għal din l-akkuża, l-Ewwel Qorti setgħet legalment u raġonevolment issib ħtija fil-konfront tal-appellant u dan peress li l-appellant ma iressaq l-ebda prova biex jezonera ruhu mir-responsabbilta' penali ghal dina l-akkuza. Lanqas ma iressaq prova illi huwa ma kienx jaf li Vella kien qed isuq l-vettura tieghu jew inkella li huwa uza d-diligenza kollha mehtiega sabiex izommu milli jaghmel dan.

Ikkunsidrat:

Illi għal dak li jirrigwarda l-aggravju dwar il-piena erogata mill-Ewwel Qorti, l-appellant iressaq ilment limitatament dwar l-iskwalifika tal-licenzja tas-sewqan imposta fuqu ghaliex fil-fehma tiegħu din hija waħda eċċessiva. Jishaq ukoll illi t-talba saret mill-Prosekuzzjoni fil-parametri tal-artikolu 15(4) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta liema disposizzjoni tal-ligi tapplika biss fir-rigward tal-ewwel akkuza li minnha huwa gie illiberat. Jgħid ukoll li filfatt l-artikolu 15(4) lanqas biss jirrigwarda l-iskwalifika tal-liċenzja u li semmai kellu jkun l-artikolu 15(3) li kellu jiġi iccitat mill-Ewwel Qorti fid-decizjoni taghha .

Illi minn qari tas-sentenza impunjata ghandu jirrizulta illi fid-decizjoni taghha l-Ewwel Qorti ghamlet referenza ghall-artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta u mhux l-artikolu tal-ligi li l-appellant jaghmel referenza ghalih f'dan l-aggravju. Issa f'kaz ta' sejbien ta' htija taht din id-disposizzjoni tal-ligi l-iskwalifika tal-licenzja tas-sewqan ghal zmien tnax-il xahar hija wahda tassativa fuq il-Qorti sakemm ma jkunx hemm xi

ragunijiet specjali li jistghu iwasslu lil Qorti tordna mod iehor, ragunijiet specjali li evidentement f'dan il-kaz ma jezistux.

Is-subartikolu 2A ghall-artikolu 3 fil-fatt jaqra hekk:

> **(2A) Kull min jinstab ħati ta' reat taħt dan l-artikolu għandu (ħlief jekk il-qorti għal raġunijiet speċjali tikkunsidra li tordna mod ieħor u mingħajr preġudizzju għas-setgħa tal-qorti li tordna żmien itwal ta' skwalifika) jiġi skwalifikat milli jkollu jew li jikseb liċenza tas-sewqan għal żmien ta' tnax-il xahar mid-data li jkun ġie misjub ħati:..**

Dan allura indipendentement mill-fatt jekk il-Prosekuzzjoni tressaqx talba fir-rigward o meno.

lli finalment għal dak li jirrigwarda r-raġunijiet ipprospettati mill-appellant li b'xi mod għandhom jiġġustifikaw it-tneħħija ta' din l-iskwalifika skont id-dettami tal-artikolu 30(2) tal-Kapitolu 9, jidher li din il-proċedura ma tistax tiġi nkorporata fl-iskop tal-appell u semmai kwalunkwe talba li ssir skont din id-disposizzjoni trid issir permezz ta' rikors wara l-għoti tas-sentenza finali u dan wara li l-istess Qorti tkun ħadet kont tal-imġieba u l-karattru tal-ħati wara li jkun instab ħati u ċioe wara li hu jkun diġa beda jiskonta is-sentenza imposta fuqu.

Għal dawn il-motivi l-Qorti, taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha bit-terminu ghall-iskwalifika tal-licenjza tas-sewqan jibda jiddekorri min-nofs il-lejl ta' llum.

(ft) Imhallef

Vera Kopja

Joyce Agius

Deputat Registratur